**Ħafna ħaddiema migranti Pollakki jitilqu mir-Renju Unit** – VOA News, Claudia Blume

(0:00-1:15)

Grzegorz Mrozek qiegħed ikellem konsulent tal-impjiegi f'istitut tal-karità f'Londra. Mrozek, li hu ħaddiem tal-kostruzzjoni Pollakk, huwa ddisprat.

Tlift l-impjieg... x'aktarx tlift id-dar ukoll. M'għandix fejn noqgħod, il-qagħda tiegħi diffiċli ħafna. Ix-xahar id-dieħel forsi mmur lura l-Polonja.

Dan l-istitut tal-karità joffri ikliet b'xejn lil migranti bla xogħol bħal Grzegorz Mrozek. Aktar u aktar ħaddiema Pollakki tilfu l-impjieg tagħhom minn mindu r-Renju Unit beda dieħel f'reċessjoni. Diffiċli ssib impjieg ġdid. Janie Kidston tmexxi l-proġett tal-impjiegi "UR4Jobs".

Huwa ħafna aktar diffiċli issa, ħafna ħafna, partikolarment fis-settur tal-kostruzzjoni, tal-manifattura u f'setturi bħat-tindif, li kienu l-oqsma ewlenin li fihom konna qegħdin nibagħtu n-nies.

Meta l-ekonomija Brittanika kienet fl-aqwa tagħha kien faċli li wieħed isib xogħol, pereżempju bħala ħaddiem tal-kostruzzjoni jew bajjad. Mijiet ta' eluf ta' Pollakki marru jgħixu r-Renju Unit meta l-Polonja ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fl-2004. Negozji, ristoranti u ħwienet Pollakki saru ħaġa komuni fil-pajjiż kollu. Iżda żmien il-prosperità għadda u ħafna Pollakki qed imorru lura f'pajjiżhom.